MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 247/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Jesmond Portelli**

Kumpilazzjoni Nru: 247/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jesmond Portelli, ta’ 23 sena, bin Nazzareno u Mary Grace nee’ Schembri, imwieled il-Pieta’, fil-5 ta’ Marzu, 1985 u joqghod fil-fond bin-numru 110B, Triq il-Marlogg, Haz Zabbar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 162085(M).

Akkuzat talli:

A. Talli nhar is-26 ta’ Marzu, 2008, ghal habta tas-6:00 ta’ filghaxija, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent tal-Pulizija 91 Michael Buttigieg f’periklu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi, kif iccertifikat minn Dr.Moira Grech M.D (Warrant Mediku Nru. 2565) tat-Taqsima ta’ l-Emergenza ta’ l-iSptar Mater Dei, liema feriti iggiblu mankament jew sfregju fil-pala ta’ l-id il-leminija.
B. Akkuzat ukoll talli nhar is-26 ta’ Marzu, 2008, ghal habta tas-6:00 ta’ filghaxija, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, bi vjolenza u b’theddid gieghel lis-Surgent tal-Pulizija 91 Michael Buttigieg, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1603 Mario Muscat u l-kuntistabbli tal-Pulizija 1046 Leon Xuereb, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga x’taqsam mall-kariga taghhom.
C. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titiqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tas-Surgent tal-Pulizija 91 Michael Buttigieg, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1603 Mario Muscat, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1046 Leon Xuereb u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ Ordni mghoti skond il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti.
D. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ l-istess Surgent tal-Pulizija 91 Michael Buttigieg, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1603 Mario Muscat, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1046 Leon Xuereb u ufficcjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed91, 96(a), 95(1), 338(ee), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.
E. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, ma obdiex l-ordnijiet Legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallhiex jew

fixkel waqt li l-Pulizija kien u qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.
F. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar, stieden ghall-glied lis-Surgent tal-Pulizija 91 Michael Buttigieg, l-kuntistabbli tal-Pulizija 1046 Leon Xuereb u ufficcjali ohra tal-Pulizija.
G. Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
H. W aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkustanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar, qal kliem oxen, indecendi u daghha.
I. Barra minn dan, akkuzat talli, fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tinuza kontra taghhom meta huwa kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser tikkaguna lil haddiehor biza'.

U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Barra minn hekk talli, Jesmond Portelli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-25 ta' Mejju, 2007.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tapplika ukoll l-art. 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-art. 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz t’a htija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat iex jigi gudikat minn din il-Qorti bhal Qorti ta’ Gudikatra Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) 214 u 216(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

g) 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

h) 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

i) 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

j) 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C U 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

k) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. Il-Pulizija kellhom informazzjoni li l-imputat seta’ kien implikat f’hold-up ghaklhekk huwa ttiehded l-ghassa ta’ Haz-Zabbar. Hemm beda jkellmu l-Ispettur Borg; malli l-imputat sar jaf in konnessjoni ma xiex rieduh il-pulizija huwa sar verbalment aggressiv u beda jhedded lill-pulizija. F’xi hin l-Ispettur Borg kellu jitlaq mill-ghassa propju biex jaghmel verifiki dwar dak li kien qed jghidlu l-imputat. Hawn is-sitwazzjoni hadet zvolta ghall-ghar minhabba li l-imputat sar aktar aggressiv u kompla bit-theddied lejn il-pulizija. F’dawn ic-cirkostanzi l-Ispettur hass li l-imputat kellu jigi arrestat u ordna li jiddahhal fil-lock up. F’dan l-istadju l-imputat mhux biss irreziesta l-

arrest imma anke uza forza attiva billi b'saqajh beda jzomm mal-bieb tac-cella biex ma jhalliex lill-pulizija jdahhluh fiha. Din il-forza uzata mill-imputat wasslet biex kellhom jintervjenu tlett pulizija biex dahhluh fic-cella. Ta' min wiehed jirrileva li f'xi hin l-imputat f'daqqa wahda waqaf jirreziesti bil-konsegwenza li l-pulizija li kienu qed jissaraw mieghu waqaw u PS 91 Michael Buttigieg habat il-pala t'idu mal-frame tal-bieb tac-cella u kiser wahda mill-ghadam tal-pala t'idu.

Illi ta' min wiehed jirrileva li mill-imputazzjonijiet originarjament migjuba kontra l-imputat u li jidhru elenkati fic-citazzjoni, tnejn ma gewx inkluzi fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzjoni ta'l-Avukat Generali; dawn huma l-imputazzjoni taht il-paragrafu "G" tac-citazzjoni u dik tar-recidiva.

Illi l-imputazzjoni indikata fil-paragrafu "a" tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali taghmel referenza ghall-artikoli 214 u 216(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 214 jipprovdi hekk: *Kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f 'mohhha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna*. L-offiezi jistghu jkunu ta' natura gravi jew hafifa. Huwa l-artikolu 216 li jelenka dawk l-offiezi li ghandhom jigu klassifikati bhala gravi.

Illi fin-nota fuq imsemmija tieghu l-Avukat Generali kwota l-paragrafi "a" u "b" ta' dan l-artikolu 216 u cioe dawk li jirreferu ghall-offiezi li jistghu igiebu perikolu ghal hajja, debbulizza permanenti, diffett permanenti, marda tal-mohh jew sfegju. Is-surgent 91 pero kull ma kellu kien ksur f'wahda mill-ghadam tal-pala ta' idejh u dan il-ksur ma gab l-ebda wahda mill-effetti imsemmija il-paragrafi "a" u "b" fuq kwwotati. Fir-realta l-offieza li soffra is-surgent kienet dik 'l hekk imsejjha "gravi per durata" u cioe dik kontemplata fil-paragrafu "d" ta'l-artikolu 216 pero l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija ohra ghalhekk l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tilliberah mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu ghaliex din ma tirrixultax.

Illi t-tmien imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali (dik fil-paragrafu "h") taghmel referenza ghall-artikoli 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min b'l-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Il-Ligi taghna, ghajr dak li hemm provvdut f'l-artikolu 251C, ma taghtix definizzjoni ta' x'inhu fastidju. Huwa accettat pero li biex jissussisti dan ir-reat irid ikun hemm certu element ta' ripetizzjoni jew persistenza li pero ma jridx jigi konsidrat "in isolation" imma bil-fors li jrid jitqies f'l-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti ta'l-imputat[1].

Illi fil-kaz in ezami, ghalkemm waqt l-incident mertu ta' dawn il-proceduri l-imputat irrepeta kliem ta' thedied diversi drabi, ma jirrizultax l-element tar-ripetizzjoni u persistenza kif fuq indikat. In oltre l-Qorti ma tistax ma tinnottax li mid-depozizzjonijiet tal-pulizija involuti lanqas ma jirrizulta pruvat l-element ta' biza' (fil-pulizija koncernati) rikjest f'dan ir-reat. Konsegwentement l-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni ma gietx pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi d-disgha imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali (dik fil-paragrafu "i") hija dik ta' kommissjoni ta' reat waqt perjodu ta' probation. In sostenn ta' din l-imputazzjoni giet prezentata sentenza datata 5 ta' Marzu 2004 li permezz taghha l-imputat tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin. L-incident li wassal ghal dawn il-proceduri sehh fis-26 ta' Marzu 2008 cioe circa sena wara li skada l-perjodu ta' probation imsemmi. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

[1] Ref Pulizija vs Massimo Tivisini Appell Kriminali 27.02.2009 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Illi mill-kwadru tal-fatti aktar ‘l fuq espost, mill-provi prodotti, u tenut kont dawk il-principji relevanti ghall kull wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat, principji li jirrizultaw ampjament mill-gurisprudenza taghna, il-Qorti hija sodisfatta li dawn l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra l-imputat jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju ma setghetx ma tiehux in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati (nofshom ta’ natura kontravvenzjonali) u tal-fedina penali tieghu. Il-Qorti pero hadet in konsiderazzjoni l-fatt li fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-imputat donnu qed jipprova jiehu l-passi necessarji biex jirriabilta ruhu. F’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex verament jirriabilita ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja effettiva b’dan pero u cioe li jekk huwa jisvija mill-ewwel jkollu jiskonta perjodu ta’ prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi “a”, “h” u “i” tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 91, 96(a), 95(1), 338(ee), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha indikati f’din in-nota imsemmija u taghhom tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28G ta’l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervizjoni ghall-istess perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor f’dan il-perjodu ta’ sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna ki kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------